MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 312/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Gatt talli:

a) F’dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta’ Settembru 2003, u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, importa speci protett mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagg (Washington 1973);

b) Fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, importa xi ezemplari minghajr ma applika ma’

Awtorita` Amministrattiva bil-miktub fuq formola ghal hekk imhejjija mill-istess Awtorita` u naqas li jipproduci dawk il-permessi jew certifikati li jistghu jinhtiegu mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna u Flora Selvagg (Washington 1973);

c) Fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, importa xi speci li tkun protetta fil-pajjiz mnejn torigina, ukoll jekk ma tkunx inkluza fit-tieni u fit-tielet skeda li jinstab ma' dawn ir-regolamenti u wkoll jekk dan il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx acceda ghall-Konvenzjoni, minghajr ma kellu licenzja ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz mnejn torigina;

d) Fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi, ma kellux formoli, permessi u certifikati skond kif titlob il-Konvenzjoni;

e) Fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala persuna li kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni tieghu taqa' taht dawn ir-regolamenti, naqas li jzomm fil-pussess tieghu kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dak l-ezemplari;

f) Fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala persuna li mporta, esporta jew irriesporta xi ezemplari bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora, kif ukoll bhala persuna li kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti jew bhala persuna li ftiehem jew ipprova, jew ghen, jew hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex timporta, tesporta jew tirrimporta xi ezemplari bi ksur tar-regolamenti jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega kif imsemmija qabel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi George Gatt hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza korrettement il-provi prodotti. Jghid illi x-xiehda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni tikkonferma s-sejba ta’ gilda tal-volpi ghand l-appellat, liema gilda jghidu li l-appellat qal li kien gabha mill-Egittu.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective**

---

**Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Il-provi li din il-Qorti semghet mill-gdid kienu fil-qosor is-segwenti:

**Stanley Gatt**, *environment protection officer* fin-*nature protection unit* fi hdan il-MEPA, xehed illi fit-12 ta' Settembru 2005 gie mitlub mill-Ispettur Charles Bartolo biex jezamina gilda ta' volpi li l-Ispettur Bartolo qallu li kien jorigina mill-Egittu. Mir-ricerka li ghamel ix-xhud irrizultalu li l-*vulpes vulpes* huwa mhares fl-Egittu u l-esportazzjoni tieghu projbita. Qal li l-gilda li ezamina kienet *vulpes vulpes nilotica*, sub-species tal-*vulpes vulpes*, li hija xorta wahda protetta. Huwa kkonferma illi qatt ma nharget awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni ta' dik l-ispeci la mill-Egittu u lanqas minn xi pajjiz iehor ghax xorta tkun trid licenzja ta' importazzjoni. In kontro-ezami kkonferma lid an l-ispeci mhux elenkat fl-Iskeda tar-Regolamenti ta' l-1992 izda sostna li huwa mhares u permess jinhareg

skond jekk ikunx hemm permess jew le jew skond ikunx imhares hew le mill-*country of origin*. Fuq it-Tunezija ma ghamel l-ebda ricerka.

**P.S. 90 Jeffrey Gerada** xehed illi fl-20 ta' Settembru 2003 l-Ispettur Charles Bartolo baghat lilu u lil P.C. 1337 biex jaghmlu tfittxija ghand l-appellat in konnessjoni ma' investigazzjoni li kienet ghaddejja. Meta kien ghand l-appellat ra bicca gilda – li ma kellhiex x'taqsam ma' l-investigazzjoni – u ddecieda li jelevaha. Mistoqsi in kontro-ezami jekk l-appellat kienx qallu li kien gabha minn Tunez meta kien btala mal-familja, ix-xhud wiegeb li jekk mhux sejjer zball mill-Egittu kien qal izda ma zammx daqshekk amment.

**L-Ispettur Carmelo Bartolo** xehed illi ghall-habta ta' Settembru 2003 kien qieghed jaghmel investigazzjoni dwar serq ta' glud mill-biccerija. Huwa baghat lil P.S. 90 u kuntistabbli biex jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' l-appellat u meta rritornaw P.S. 90 ikkonsenjalu gilda li kien sab li kienet infurrata u "qisha maghmula b'mod, ha nghid hekk, kwazi tista' tintlibes anke fuq il-hwejjeg". Dwar din il-gilda, ix-xhud jghid li l-appellat kien qallu li hu dilettant tal-kacca u kien jitla' l-Egittu u kien gab dik il-gilda mill-Egittu. Ha l-gilda lil Stanley Gatt li ghamel ricerka u qallu li kienet protetta u mhux suppost li harget mill-Egittu ghax kienet protetta hemm hekk. In kontro-ezami, qal li ma jidhirlux li kien hadlu stqarrija lill-appellat dwar din il-gilda u, mistoqsi jekk jiftakarx li l-appellat kien qallu li kien gab dik il-gilda minn Tunez, ix-xhud wiegeb li kien qallu li mill-Egittu.

**L-appellat** xehed illi kien mar mal-familja tieghu u zewg familji ohra Tunez. Barra minn hekk l-Egittu kien mar darba xi hdax-il senu ilu u kien joqghod f'dar ohra dak iz-zmien. Meta marru l-Pulizija, il-gilda kienet mitfugha fuq vazun kif tidhol id-dar. Spjega li huwa oggett li tista' taghmlu mal-glekk u tilbsu biz-zipp u qal li lanqas denb ma kellu. Qal li kienu marru tliet familji u kienu xtraw tlieta glud u li minghand min xtrawhom kien naqsilhom hames xelini minn kull wiehed. In kontro-ezami baqa' jinsisti illi l-gilda kien gabha minn Tunez u illi l-Egittu ssemma' ghax gie mistoqsi jekk kienx mar l-Egittu.

Minn dan kollu huwa evidenti illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legittimament tasal ghall-konkluzjoni li ma ssibx htija fl-appellat. Ma jistax ma jigix osservat illi l-gilda in kwistjoni nghatat lil Stanley Gatt biex jezaminaha kwazi sentejn wara li kienet giet elevata minghand l-appellat u li ma jirrizultax li ttiehdet stqarrija dwar l-istess gilda. Filwaqt illi l-Ispettur Bartolo deher cert li l-appellat qal li kien gabha mill-Egittu, l-appellat stqarr illi l-Egittu kien issemma' biss bhala post fejn kien mar ghall-kacca u dan darba biss. Insista li l-gilda kien gabha minn Tunez. Din il-Qorti ma tarax li hija inverosimili l-verzjoni li ta l-appellat.

Issa, ir-regolament 6 ta' l-Avviz Legali 19 tas-sena 1992 (Regolamenti dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora) jirregola l-importazzjoni, esportazzjoni u ri-esportazzjoni ta' l-ezemplari inkluzi fit-Tieni u fit-Tielet Skeda annessi ma' dawn ir-regolamenti kif ukoll l-ezemplari kkontrollati skond ir-regolament 7, inkluzi speci protetti f'pajjizi ohra.

Minn ezami ta' l-Iskedi msemmija, ma jirrizultax illi l-*vulpes vulpes* kif lanqas il-*vulpes vulpes nilotica* huma elenkati f'dawn l-Iskedi. Inoltre, il-prova li ngabet mill-prosekuzzjoni hi fis-sens illi l-*vulpes vulpes* huwa protett fl-Egittu. Galadarba din il-Qorti qed taccetta bhala veritjera dak li qal l-appellat illi l-gilda in kwistjoni ngabet minn Tunez, ifisser illi m'hemm l-ebda prova dwar jekk il-*vulpes vulpes* huwiex protett f'Tunez ukoll. Inoltre, il-gilda li ezamina Stanley Gatt giet determinata li hija *vulpes vulpes nilotica* li huwa ddeskriva bhala *sub-species* tal-*vulpes vulpes* u li qal li hija xorta wahda protetta izda minghajr ma rrefera ghal xi regola li tistipola dan. Id-dokument esebit a fol. 4 tal-process (*Notification to the Parties* dwar speci li l-esportazzjoni mill-Egittu huwa projbit) isemmi l-"*vulpes vulpes* (red fox)" u ma jsemmix li *sub-species* huma protetti bl-istess mod.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------